# SEJĦA GĦALL-PARTEĊIPANTI

Applika sat-28 ta' Frar, 12:00pm

teatrumalta.org.mt

TEATRU MALTA

## X'INHU KAŻIN60+?

Każin60+ huwa proġett divertenti u kreattiv ibbażat fuq id-dinja tat-teatru.  Sitt (6) prattikanti tat-teatru u atturi se jmexxu sitt (6) gruppi, wieħed għal kull reġjun madwar Malta u Għawdex, lejn il-kisba ta' esperjenzi teatrali ġodda.  Se jiġu wkoll mistiedna xi tuturi għal uħud mis-sessjonijiet bil-għan li jaqsmu l-għarfien espert tagħhom fil-qasam tal-Arti u tal-Ispettaklu.

Dan il-proġett se jkun mimli b'logħob tat-teatru, improvizzazzjonijiet, moviment, kant, qari u tagħlim possibbli ta' xeni u testi żgħar. Dan l-ispazju kreattiv se jinqasam u se jitgawda minn persuni tal-istess fehma li ġejjin minn oqsma differenti tal-ħajja, filwaqt li jagħtihom l-opportunità jiżviluppaw il-ħbiberiji ġodda.

Minn sessjoni għall-oħra, il-grupp il-ġdid ta' atturi se jikseb kemm esperjenza kif ukoll kunfidenza li tista' tgħin meta wieħed ikun fuq il-palk jew ikun qed jagħmel diskors iżda wkoll fil-ħajja ta' kuljum tiegħu. Il-parteċipanti jkunu jistgħu jitgħallmu l-ħila tat-teatru iżda wkoll jaħdmu wara l-kwinti, skont x'jixtiequ huma.

Aħna nemmnu f'proġett bħal Każin60+ għax huwa verament prova li l-kreattività, it-tagħlim ta' ħiliet ġodda, u t-tegħlib ta' sfidi ġodda, anke fi snin avvanzati, huma ta' ġid kbir għal min jipparteċipa, u jsarrfu f'benefiċċji importanti fuq diversi livelli, minn dak fiżiku, għal dak soċjali. Kunu parti int ukoll minn dan il-programm tal-ġenn!

## LIL MIN QED INFITTXU?

Qed infittxu individwi biex jingħaqdu ma' Każin60+, fir-regjuni differenti, fejn se jintgħażlu massimu ta' 25 persuna minn kull żona. Int tikkwalifika jekk:

- Għandek 60 sena jew iktar,

- Tieħu gost tkun parti minn grupp,

- Daħka tinżillek għasel,

- Ma tibżax tipprova affarijiet ġodda,

- Tħossok komdu u tieħu pjaċir tiċċaqlaq u tiżfen kif imiss (skont koreografija jew spirtu pront!),

- Tista' tkanta jew iddoqq xi strument (imma mhux neċessarjament).

↓ **Ġambori (2025)**



*Ritratt ta' Jacob Sammut*

# PROGRAMM

Il-kors se jsir minn Marzu sa Diċembru 2025, b'vaganzi matul il-festi pubbliċi, l-okkażjonijiet festivi, u b'waqfa matul is-sajf.

# ŻMIEN

Bidu ta' Marzu: Jitqassmu il-gruppi

F'Marzu u f'April: Niltaqgħu kull ġimagħtejn
F'Mejju u f'Ġunju: Laqgħa darba f'ġimgħa
Bidu ta' Lulju sa nofs Settembru: VAGANZI

Min-nofs Settembru sal-bidu ta' Diċembru: Laqgħat minimum darba f'ġimgħa, iżda jaf tiġu mgħajta għal aktar minn darba f'ġimgħa, skont il-progress tal-provi.

23 ta' Novembru - 29 ta' Novembru: Il-ġimgħa tal-produzzjoni li tinkludi rappreżentazzjonijiet fi tmiem il-ġimgħa.

N.B.: Il-ħinijiet tal-workshops ikunu wara nofsinhar.

# POSTIJIET

Reġjun Għawdex
3, Triq L-Isptar, San Giljan, Fontana ma' Jamie Camilleri

Reġjun Tramuntana
Local Council Hall, Constitution Street, Mosta ma' Frederick Camilleri

Reġjun Lvant
Day Centre, 119, Triq Santa Marija, Sliema ma' Marvic Doughty

Reġjun Punent
Day Centre, Triq l-Imqabba, Żurrieq ma' Miguel Formosa

Reġjun Port
Day Centre, 22, Triq il-Franġiskani, Ħamrun ma' Jacob Piccinino

Reġjun Nofsinhar
Day Centre, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Żejtun ma' Dominic Said

# KIF GĦANDEK TAPPLIKA:

Għidilna:
- Ismek, l-indirizz, u l-mobile number;
- Għalfejn trid tingħaqad ma' Każin60+;
- Jekk tafx tkanta, jekk qatt dehert fuq palk qabel, jew jekk tafx iddoqq strument;
- Jekk kontx diġà parteċipant f'Każin60+ fis-snin ta' qabel;
- Preferenza tal-post skont ir-reġjun;
- Xi informazzjoni oħra li tixtieq taqsam magħna.

Biex tapplika, ibagħtilna email fuq contact@teatrumalta.org.mt.

F'każ ta' mistoqsijiet oħra, ċemplulna fuq 99063089 (Teatru Malta). Kull informazzjoni miġbura fil-kuntest ta' din is-sejħa għall-parteċipazzjoni ser tiġi użata u miżmuma skont il-liġi tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet:
28 ta' Frar 2026 f'nofsinhar.

L-applikanti jigu kkuntatjati bil-passi li jmiss sat-9 ta' Marzu 2026.


GHAXAR SNIN
X X
TEATRU MALTA